**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru: 14 / 2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Oscar Alonso Zapata Mera et.**

**Illum, 23 ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' akkuza migjuba fil-konfront ta', Oscar Alonso Zapata Mera iben Louis Alfonso Zapata u Rosalba Mera Valencia xebba Mera Valencia, imwieled Kolombja fil-11 ta' Dicembru tas-sena 1971, residenza mhux maghrufa u detentur ta' Passaport Kolombjan bin-numru EP004500; u Alexandra Zvanca bint Cristian u Zenovia xebba Costantin, imwielda Bucuresti, Rumanija fl-24 ta' Novembru tas-sena 1985, residenza mhux maghrufa, u detentrici ta' Passaport Rumen bin-numru 14837259 li gew akkuzati talli:

| |
|---|
| **L-EWWEL (1) KAP**<br>***Assoċjazzjoni għat-traffikar tad-droga Kokajina*** |

Illi f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca**, minn issa l-quddiem jissejjħu wkoll l-akkużati, xjentement iddeċidew li jassoċjaw rwieħhom ma persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan illi tiġi ttraffikata d-droga kokajina f'Malta;

Illi fl-imsemmi perjodu waqt li l-iskwadra ta' kontra d-droga kienet għaddejja bl-investigazzjonijiet tagħha daħlitilha nformazzjoni fuq diversi persuni li minn aktar stħarriġ irriżulta li lkoll kienu b'xi mod jew ieħor assoċjati flimkien, biex tiġi ttraffikata d-droga kokajina ġewwa Malta. Illi din l-informazzjoni skattat meta fis-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) il-Pulizija mill-iskwarda ta' kontra d-droga, arrestat lil ċertu Alexander Restrepo Diaz waqt li kien dieħel fl-ajruport ta' Malta jġorr fuqu sustanza ssuspettata droga, b'dana li minn eżamijiet ulterjuri rriżulta li filfatt din is-sustanza kienet nofs kilo droga kokajina. Illi bis-saħħa ta' din il-qabda droga kif ukoll ta' stħarriġ ulterjuri relatat ma din il-qabda ta' droga, il-Pulizija estendiet l-investigazzjoni tagħha fuq ċertu Wilder Lopez Garcia.

Illi madwar kważi xahar wara, senjatament fil-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), l-iskwadra tal-Pulizija ta' kontra d-droga arrestat minn ġewwa l-ajruport ta' Malta, din id-darba żewġt nisa barranin ta' nazzjonalita' Kolumbjana, ċertu Sandra Castano u Olga Lucia Rativa Restrepo, li fuqhom irriżulta li kellhom sustanza ssuspetta droga. Illi minn eżamijiet ulterjuri, il-Pulizija kkonfermat li t-tnejn li huma flimkien kienu filfatt qed iġorru nofs kilo droga kokajina. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li anke f'dan il-każ kellu x'jaqsam ukoll l-imsemmi Wilder Lopez Garcia, b'dan tal-aħħar jinqabad ukoll fuq il-footages tal-ajruport dak in-nhar tal-wasla tagħhom hawn Malta. Illi kien hawnhekk li, il-Pulizija mill-iskwadra ta' kontra d-droga, iddeċidiet li tinterċetta lill-imsemmi Wilder Lopez Garcia b'dana li fl-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) arrestatu minn ġewwa l-ajruport ta' Malta fi triqtu biex jaqbad it-titjira lejn Milan.

Illi l-imsemmi Wilder Garcia Lopez ftit li xejn ikkowopera mal-Pulizija fejn prattikament ma lissen u/jew forna l-ebda informazzjoni mal-Pulizija. Illi mill-informazzjoni li l-Pulizija ġabret mill-investigazzjonijiet tagħha, fejn seta kien qed jintuża xi fond ġewwa Buġibba, kif ukoll bi ċwievet li ġew elevati minn fuq Wilder

Lopez Garcia, il-Pulizija ssoktat bl-investigazzjoni, dana bis-saħħa wkoll ta' ritratti li ġew estrapolati minn fuq ċellulari, li wkoll ġie elevat minn fuq Wilder Lopez Garcia, tant li rnexxielha titraċċja w tiddentifika l-appartament li kien qed jagħmel użu minnu Wilder Lopez Garcia. Illi dan l-appartment, internament immarkat bin-numru tlieta (3), kien jinsab ġewwa Bugibba, dana għalkemm Wilder Lopez Garcia baqa' jannega mal-Pulizija li kien qed jagħmel użu minn tali fond. Illi jingħad li l-Pulizija rnexxielha tiftaħ l-imsemmi fond biċ-ċwievet li ġew elevati minn fuqu.

Illi b'riżultat ta' tfittxija li saret f'dan l-appartament, dejjem fil-preżenza tal-imsemmi Wilder Lopez Garcia, il-Pulizija elevat, fost affarijiet oħra, pressa tal-hydrolik ħamra, liema pressa, skont l-informazzjoni li kellha l-Pulizija, kienet tintuża mill-akkużati nnifishom biex jippressaw d-droga kokajina ġewwa kapsoli apposta, bil-forom tal-imsemmija kapsoli jiġu wkoll elevati minn ġewwa kexxun tal-kċina tal-appartament. Illi konferma w prova oħra li dan l-appartament kien qed jużah Wilder Lopez Garcia huwa il-kuntratt effettiv tal-kirja ta' dan il-fond, li wkoll ġie elevat mill-Pulizija, bejn l-imsemmi Wilder Lopez Garcia u s-sidien tal-fond, b'dawn tal-aħħar jikkonfermaw bil-ġurament l-istess kirja.

Illi minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li l-akkużati Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca, kellhom diversi kuntatti kemm fi Spanja kif ukoll l-Ollanda bl-iskop ewlieni tagħhom ikun li jimportaw id-droga kokajina minn dawn il-pajjiżi biex tiġi ttraffikata f'Malta, illi l-mezz miftiehem biex tiġi mportata d-droga jkun permezz ta' diversi couriers, li fost dawn il-persuni, hekk kif appena rajna fil-bidu ta' din in-narattiva, ikunu ħadd ħlief Olga Lucia Rativa Restrepo u Sandra Castano, kif ukoll Alexander Restrepo Diaz, li lkoll kemm huma kienu qed jimxu fuq l-istruzzjonijiet tal-imsemmi Wilder Lopez Garcia, b'dan tal-aħħar inkarigat mill-akkużati biex jiġbor id-droga kokajina biex finalment tiġi ttraffikata hawn Malta.

Illi in eżekuzzjoni tal-pjan miftiehem f'din l-attivita' kriminuża, din l-assoċjazzjoni jirriżulta li kienet organizzata mill-akkużati Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca, b'Alexander Restrepo jagħmilha wkoll ta' interpretu bejn il-partijiet assoċjati. Illi l-ftehim kien li malli d-droga kokajina tasal Malta, Wilder Lopez Garcia kien jieħu ħsieb li jiġborha u jippreparaha bil-għan li jforniha jew jiprokuraha lir-*runners* tiegħu

biex finalment tiġi mibjugħa. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li fost dawn l-imsemmija runners kien hemm ukoll ċertu Mario Mifsud u Etienner Ciantar, it-tnejn li huma xufiera ta' taxi, b'dana allura kien ikun faċli għalihom, u fl-istess ħin ma jagħtux fil-għajn, li kemm Mario Mifsud u Etienne Ciantar, bħala parti minn dan il-ftehim, kienu nkarigati wkoll mill-akkużati biex jieħdu ħsieb it-traġitti minn u lejn l-ajruport ta' Malta, ta' dawn il-couriers. Illi l-pjan allura kien ġie miftiehem u maqbul bejn l-akkużati Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca u Wilder Garcia Lopez, b'dawn it-tlieta jkollhom l-irwol prinċipali f'din l-assoċjazzjoni, kif ukoll bl-għajnuna tal-imsemmi Alexander Restrepo Diaz, Mario Mifsud u Etienne Ciantar, li lkoll kemm huma kienu ltaqgħu flimkien biex jitfassal l-imsemmi pjan, bil-ftehim aħħari ikun dak li jiġu ttraffikati madwar żewġ (2) kilos kokajina fix-xagħar.

Illi d-droga kokajina hija meqjusa bħala mediċina perikoluża u hija regolata taħt it-Taqsima IV tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi b'għemilhom l-akkużati Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca saru ħatja talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, assoċjaw rwieħhom flimkien u ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex jimpurtaw id-droga kokajina ai fini tat-traffikar tagħha f'dawn il-Gżejjer, u dana kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ppromwovew, ikkonstitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużati Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca ħatja talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, assoċjaw rwieħhom flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex tiġi ttraffikata d-droga kokajina f'Malta, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-

konfiska favur il-gvern kemm tal-oġġetti kollha li servew biex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tagħhom hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2, 9, 10, 22(1)(a)(f)(1A)(1B), 22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 22A, 24 , 24A 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat**i** **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca**.

**<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**

***Importazzjoni tad-droga kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, senjatament l-arresti li saru ġewwa l-ajruport ta' Malta bejn Awwissu u Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), bil-Pulizija taqbad f'temp ta' xahar kilo (1kg) droga kokajina, l-akkużati kienu qed jimportaw id-droga kokajina biex tiġi ttraffikata f'Malta.

Illi ma jirriżultax li l-akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera u Alexandra Zvanca** għandhom problema ta' droga u tenut kont ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammont tad-droga kokajina mportata, li l-istess importazzjoni tad-droga kokajina ma' kienitx intiża għall-użu esklużżiv tagħhomi;

Illi l-akkużati ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom jimportaw din id-droga;

Illi b'għemilhom l-akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** saru ħatja talli, importaw jew ġegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga kokajina ġewwa Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima Erbgħa (IV) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru

responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollhom l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li tali importazzjoni ma' kinitx għall-użu esklużżiv tiegħu;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmija akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** ħatja talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u d-disa' (9) xhur ta' qabel importaw jew ġegħlu li tiġi importata jew għamlu xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata d-droga kokajina ġewwa Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li l-importazzjoni ma' kinitx għall-użu esklużżiv tagħhom, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** u illi jiġi kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tagħhom hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-**artikoli 2, 9, 10, 12, 14, 15, 15A, 22(1)(a)**, **22(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(ċ)(d)**, **22(9)**, **24 , 24A, 26** u **28** tal-**Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101** tal-liġijiet ta' Malta u fl-**artikoli 23** u **533** tal-Kodiċi Kriminali, **Kapitolu 9** tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca**.

**IT-TIELET (3) KAP**

***Traffikaw billi fornew u/jew ipprokuraw id-droga kokajina***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża u cioe f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, l-akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** ddeċiedew li jfornu d-droga kokajina lil terzi biex tinbiegħ fil-Gżejjer Maltin;

Illi in esekuzzjoni ta' dan il-pjan premeditat u fil-kunest taċ-ċirkostanzi hekk kif spjegati fl-ewwel Kap, senjatament l-affarijiet u s-sustanzi u/jew traċċi ta' droga li nstabet fil-pussess ta' diversi persuni imsemmija fl-ewwel Kap, l-akkużati kienu qed jittraffikaw madwar żewġ kilos (2 kgs) tad-droga kokajina fix-xahar bl-għajnuna, hekk kif rajna fl-ewwel Kap ta' akkuża, ta' terzi persuni.

Illi kif appena indikat fl-ewwel Kap li kieku l-Pulizija ma ntervjenewx f'waqtu meta waqqfu lil Olga, Sandra u lil Alexander, ġewwa l-ajruport, kieku dak il-kilo droga kokajina kienet se jiġi ttrafikat u ċioe mibjugħ f'dawn il-Gżejjer skont il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet kollha parteċipi f'din l-għaqda kriminuża.

Illi b'għemilhom **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** saru ħatja talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, fornew, biegħu jew xort'oħra traffikaw id-droga kokajina mingħajr ma kellhom liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu l-imsemmija droga, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni għal-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkużaw lill-imsemmija akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** ħatja talli f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, fornew, biegħu jew xort'oħra ttraffikaw id-

droga kokajina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużati **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tagħhom hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli **2, 9, 10, 12 , 14, 22(1)(a)(1B), 22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d), 22(9), 24 , 24A 26** u **28** tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi u **r-regoli 4** u **9** tal-**liġi sussidjarja 101.02** għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli **23** u **533** tal-**Kap 9** tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca**.

**<u>IR-RABA (4) KAP</u>**
***Money Laundering***

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u ż-żmien kif indikat fil-Kapi preċedenti cioe f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, il-Pulizija kellha informazzjoni li **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca** kienu nvoluti fit-traffikar ta` droga kokajina u li bi ftehim ma ħaddieħor, kienu qed ibiegħu ammont sostanzjali tal-imsemmija droga u dan a skapitu tas-soċjeta' Maltija. Illi fil-fatt fil-kors ta` din l-investigazzjoni, ufficjali tal-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-droga għamlu osservazzjoni għal perjodu ta' żmien.

Illi mill-provi miġbura jirriżulta li saru diversi pagamenti tramite l-Western Union mill-persuni nvoluti fosthom Wilder Garcia Lopez u Etienne Ciantar, kif ukoll minn studenti li jkunu hawn Malta jistudjaw kif ukoll bis-saħħa ta' couriers, u dana dejjem sabiex id-dħul minn tali bejgħ tad-droga jibqa' ma jidhirx u jiġi riċiklat b'mod klandestin.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni ċara li kien hemm attivita jew attivitajiet kriminali (traffikar ta` droga) sottostanti li minnhom inkisbu dawn il-flejjes

li kienu taħt il-kontroll u pussess tal-akkużati Oscar Alonso Zapata Mera **u** Alexandra Zvanca;

Illi b'għemilhom l-imsemmija **Oscar Alonso Zapata Mera** u **Alexandra Zvanca**, abbażi tal-fatti suesposti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, saru ħatja talli, f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel f`Malta, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettew d-delitt ta' ħasil ta' flus u ċioe:

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni *f'attività kriminali;*
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lil Oscar Alonso Zapata Mera **u** Alexandra Zvanca talli f'Malta**,** f'Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fid-disa' (9) xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettew d-delitt ta' ħasil ta' flus, u dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

u jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkuzati Oscar Alonso Zapata Mera **u** Alexandra Zvanca billi jiġu ikkundannati għall-piena ta' tmintax-il sena priġunerija u għall-multa ta' mhux anqas minn ħamsin elf euro (€50,000) u mhux aktar minn żewġ miljuni u ħames mitt euro (€2,500,000) kif ukoll tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull proprjeta, rikavat, flejjes jew effetti mobbli jew immobbli oħra skont il-liġi u skont kif huwa stipulat u kif jintqal fl-artikoli **2**, **3**, **3(2A)(a)(i)**, **3(3)**, **3(5)(a)** u **4A** tal-Att kontra *Money Laundering* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu **22(1C)** tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-artikoli **17**, **18**, **23**, **23A**, **23B**, **31** u **533** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, jew ta' kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' Oscar Alonso Zapata Mera **u** Alexandra Zvanca.

Rat in-noti tal-ecczzjonijiet preliminari pprezentata mill-akkuzati nhar il-25 ta' Settembru, 2023 fejn in breve dawn qed jecepixxu n-nullita' tal-istqarrijiet taghhom u dan stante li m'hi stqarrija xejn u li tali stqarrijiet ma ttiehdux fil-prezenza ta' avukat tal-fiducja taghhom. In oltre fit-tieni eccezzjoni taghhom huma eccepew ukoll in-nullita' ta' kull dikjarazzjoni li l-akkuzati setghu ghamlu ma' membri tal-Korp tal-Pulizija fin-nuqqas ta' prezenza t' avukat tal-fiducja taghhom. Fit-tielet eccezzjoni eccepew illi l-ebda xhud tal-Korp tal-Pulizija jew li kien fil-Korp tal-Pulizija m'ghandu waqt smiegh tal-kawza jithalla jixhed dwar xi haga li l-akkuzati setghu qalu lill-pulizija meta ma kienx prezenti avukat tal-fiducja taghhom u ghalhekk tali dikjarazzjonijiet huma nulli u bla effett fil-ligi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata it-30 t' Ottubru 2023 fejn brevement sostna li l-istqarrijiet ghandhom jigu kkunsidrati bhala dokumenti ammissibbli u ta r-ragunijiet tieghu ghal dan u ghalhekk talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet imqajma mill-akkuzati.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet ghal dawn l-eccezzjonijiet preliminari.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti tinnotta illi z-zewg akkuzati qed jitlobu **n-nullita'** tal-istqarrijiet taghhom u n-nullita' ta' dak kollu li l-istess akkuzati setghu qalu lill-ufficjali tal-pulizija meta ma kienx hemm prezenti avukat tal-fiducja taghhom. Il-kuncett tan-nullita' huwa wiehed applikabbli f'cirkostanzi limitati hafna kif delineati mill-Ligi u interpretati mill-gurisprudenza. Ir-raguni migjuba mill-akkuzat f'dan l-eccezzjoni zgur ma tikkonfigurax li l-istqarrija jew kwalunkwe referenza ghaliha hija wahda nulla.

Illi l-**ammissibilta**' o meno tal-istqarrijiet hija xi haga totalment differenti min-nullita'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah:**[1]

> *'Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" –* ***hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli.'***[2]

[1] Deciza nhar is-26 t'April 2001, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

In-nullita' hija meta xi haga bhal li kieku qatt ma ezistiet. Stqarrija ma tista' qatt tkun nulla izda jew tkun ammissibli jew le. Jekk jirrizulta li l-istqarrija hija wahda inammissibli, sussegwentament tigi sfilzata mill-atti. Din il-Qorti kienet tippronunzja ruhha mod iehor, kieku l-akkuzati talbu l-inammissibilta' tal-istqarrija u kwalunkwe referenza ghaliha, madankollu f'dan il-kaz ma giex mitlub hekk. Din il-Qorti tinsab perplessa wkoll kif fil-fatt l-Avukat Generali ma qal xejn f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha **tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari**, kemm tal-akkuzat Oscar Alonso Zapata Mera, kif ukoll tal-akkuzata Alexandra Zvanca peress li ma jirrizultax li hemm xi nullita prospettata fil-ligi.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**